Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**L-Għaxar Leġislatura**

**Laqgħa numru 32**

**17:30 pm 21 ta' Jannar 2026**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |

**Assenti**

Ħadd

**Uffiċċjal Preżenti**

Roderick Ebejer - Segretarju Eżekuttiv

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**Is-Sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (17:30pm).**

**32.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

Is-Sindku, Sur Luke Farrugia, informa lill-Kunsill li rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku is- Sur Josef Azzopardi

**Il-Kunsill approva l-apoloġija.**

**32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 29, liema minuti kienu ċċirkolati permezz ta' posta elettronika u meħuda bħala moqrija.

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 29 (kontinwazzjoni), liema minuti kienu ċċirkolati permezz ta' posta elettronika u meħuda bħala moqrija.

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 30, liema minuti kienu ċċirkolati permezz ta' posta elettronika u meħuda bħala moqrija.

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Nru 31, liema minuti kienu ċċirkolati permezz ta' posta elettronika u meħuda bħala moqrija.

32.2.1 Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti Nru 29

**Il-Kunsillier Gloria Aquilina ssekondat. Il-Minuti gew approvati b'erba' (4) voti favur.**

32.2.2 Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti Nru 29 Kontinwazzjoni

**Il-Kunsillier Gloria Aquilina ssekondat. Il-Minuti gew approvati b'erba' (4) voti favur.**

32.2.3 Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti Nru 30

**Il-Kunsillier Gloria Aquilina ssekondat. Il-Minuti gew approvati b'erba' (4) voti favur**

32.2.4 Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni ta' Minuti Nru 31

**Il-Kunsillier Gloria Aquilina ssekondat. Il-Minuti gew approvati b'erba' (4) voti favur.**

**32.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni skeda ta'pagament 02/2026**

Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 02/26 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa

**32.3.1 Wara mozzjoni mressqa mill-proponent, is-Sindku Luke Farrugia u sekonda il-Kunsillier s-Sur Anthony Meilak, il-Kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti.**

**32.4 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

32.4.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li id-Dipartiment bagħt Cirkulari biex jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv hekk kif tghid il-liġi. Għaldaqstant is-Sindku spjega li tinħareġ sejħa interna għall ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv minn skala 11 l'fuq.

**Wara li s-Sindku ippropona u ssekonda l-Kunsillier Joseph Cachia, il-Kunsill unanimament qabel li tinħareġ sejħa interna biex jimtela il-post ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv minn skala 11 l'fuq.**

**32.5 Rapport – Kumitat Finanzi Nru 2**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara r-rapport tal-Kumitat tal-Finanzi lill-membri tal-Kunsill.Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport – Kumitat Nru 2.

32.5.1 **Il-Kunsillier Anthony Meilak ssekonda. Ir-Rapport – Kumitat Finanzi Nru 2 gew approvati b'sitt (6) voti favur.**

**32.6 Q4 Report 2025**

Is-Sindku ressaq ir-rapport tar-raba' kwart tas-sena 2025. Huwa informa lill-membri tal-Kunsill li ngħaqad l-accountant is-Sur Laurence Manicalo online sabiex jispjega r-rapport finanzjarju tar-raba' kwart tas-sena 2025.

**32.6.1 Wara li l-accountant spjega r-rapport finanzjarju għar-raba' kwart tas-sena 2025, u wara li s-Sindku propona l-approvazzjoni tiegħu u l-Kunsillier Joseph Scerri ssekonda l-proposta, il-Kunsill b'mod unanimu qabel il-proposta.**

**Ir-rapport finanzjarju għar-raba' kwart tas-sena 2025 ġie approvat b'sitt (6) voti favur.**

**32.7 *Unaudited Financial Statements***

Is-Sindku ressaq l- *Unaudited Financial Statements* tas-sena 2025. Huwa informa lill-membri tal-Kunsill li ngħaqad l-accountant is-Sur Laurence Manicalo online sabiex jispjega l-*Unaudited Financial Statements* tas-sena 2025.

**32.7.1 Wara li l-accountant spjega** l- *Unaudited Finacial Staements* tas-sena 2025**, u wara li s-Sindku propona l-approvazzjoni tiegħu u l-Kunsillier Joseph Scerri ssekonda l-proposta, il-Kunsill b'mod unanimu qabel il-proposta.**

**Ir-rapport finanzjarju għar-raba' kwart tas-sena 2025 ġie approvat b'sitt (6) voti favur.**

**32.8 Komunikazzjoni mis-Sindku**

32.8.1 Is-Sindku infurma lil Membri tal-Kunsill li nhar it-18 ta' Frar kellu laqgħa fuq il-post mas-Segretarju Parlamentari għax-xogħlijiet pubbliċi, l-Hon. Omar Farrugia, biex jara l-progress tax-xogħlijiet ta' bankini u t-tarmak li saru mid-dipartiment responsabbli tiegħu fit-Toroq Triq San Frangisk, Triq San Mikiel, u Triq Nerik Sacco. Matul il-laqgħa, ġew diskussi nuqqasijiet żgħar li dehru waqt ix-xogħlijiet, u s-Sindku infurma li ngħata attenzjoni immedjata fuq il-post biex dawn jiġu solvuti minnufih.

32.8.2 Is-Sindku infurma lil Membri tal-Kunsill li kien irċieva ittra mill-**Għaqda Storika u Kulturali Marsa** rigward l-istatwa li qabel kienet fejn il-Knisja ta' Ċejlu. Huwa spjega li, minħabba ħin limitat minħabba laqgħa pubblika skedata eżatt wara din il-laqgħa tal-Kunsill, l-ittra se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

32.8.3 Is-Sindku preżenta ir-rapport ta' Ħidma għas-sena 2025 kif ukoll pjan ta' ħidma għas-sena 2026 għall – approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill biex ikun preżentat waqt il-laqgħa pubblika skedata eżatt wara din il-laqgħa tal-Kunsill. **Appendiċi A**

**Wara li s-Sindku propona l-approvazzjoni tar-rapport ta' ħidma u l-Kunsillier Dominic Spencer ssekonda l-proposta, il-Kunsill approva b'mod unanimu b'sitt (6) voti favur ir-rapport ta' ħidma tal-Kunsill. Dan ir-rapport se jiġi ppreżentat waqt il-laqgħa pubblika skedata eżatt wara l-laqgħa tal-Kunsill, nhar 18 ta' Frar 2026 fis-18:30.**

**32.9 Performance Appraisal – Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill il-performance appraisal tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Mariella Strout, fejn ippropona li tingħata l-ogħla persentaġġ ta' 10% għall-ħidma li wettqet fil-Kunsill.

**32.9.1 Wara li s-Sindku ppropona u l-Kunsilliera Gloria Aquilina ssekondat, il-Kunsill qabel unanimament, b'sitt (6) voti favur, li jingħata l-ogħla persentaġġ ta' 10% għall-ħidma tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali tal-Marsa.**

**32.10 Bidla fil-ġranet tas-Servizz tal-Bulky Refuse**

Is-Sindku infurma lil Membri tal-Kunsill li l-kuntrattur tas-Bulky Service bagħat email lis-SE biex jibdel is-servizz tal-ġbir tal-Bulky mill-ġurnata tas-Sibt għall-Ġimgħa. Huwa spjega li f'laqgħat preċedenti tal-Kunsill, il-membri kienu approvaw li l-ġbir tal-Bulky jsir fuq tliet ijiem minflok erba' ijiem, li kienu jinkludu s-Sibt.

**Wara diskussjoni bejn il-Membri tal-Kunsill, ġie konkluż u maqbul li s-servizz tal-Bulky fil-ġurnata tas-Sibt huwa bżonnjuż u għandu jibqa' u jinġabar l-ammont ta' items kif indikat fit-Tender.**

**Il-Kunsillier Dominic Spencer ippropona li jekk il-kuntrattur kurrenti jieqaf mis-servizz tal-Bulky u tinżamm il-garanzija bankarja, l-SE għandu jidħol f'kuntatt mal-kuntrattur li jmiss wara dan il-kuntrattur kurrenti, b'differenza ta' €3,000. Din il-proposta ġiet ssekondata mis-Sindku Luke Farrugia, u l-Kunsill qabel b'mod unanimu b'sitt (6) voti favur**.

**32.11 Deċiżjoni *Tender Evaluation Report – Architect and Works and Projects Manager/Coordinator***

Is-Sindku **preżenta** lil Membri tal-Kunsill ir-**rapport ta' evalwazzjoni** għat-tender għall-**Architect and Works and Projects Manager/Coordinator**, fejn l-irħas kuntrattur ġie klassifikat bħala **il-Perit Dieter Falzon** għall-prezz ta' €5,275 eskluż il-VAT kull sena.

**Wara li s-Sindku propona u l-Kunsillier Dominic Spencer ssekonda, il-Kunsill qabel b'sitt (6) voti favur ir-rapport ta' evalwazzjoni u approva li t-tender jingħata lil Perit Dieter Falzon.**

**32.12 Deċizzjoni *Tender Evaluation Report – Cleaning and Upkeep of public conveniences***

Is-Sindku preżenta lil Membri tal-Kunsill ir-rapport ta' evalwazzjoni għat-tender għall- *Cleaning and Upkeep of public conveniences,* fejn skond ir-rapport ta l-evalwaturi tat-Tender fejn skond il-board Simply Clean huwa il-compliant bidder.

**Wara li s-Sindku ppropona u saret diskussjoni bejn il-Membri tal-Kunsill, ġie maqbul li l-SE iġib l-informazzjoni neċessarja sabiex jiġi vverifikat jekk il-Compliant Bidder ikkwotax il-prezz tat-tender skont il-liġi tal-impjieg, u jekk il-ħlas lill-impjegati huwiex konformi ma' dak stabbilit mil-liġi, inkluż il-*minimum wage* u r-rata ta' ħlas doppja għall-Ħadd.**

**Il-Kunsill qabel li l-item għad-deċiżjoni tat-tender – Evaluation Report – Cleaning and Upkeep of Public Conveniences – jerġa' jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.**

**32.13 Mozzjonijiet**

32.13.1 Is-Sindku ppreżenta mozzjoni numru 04/2026 mressqa minnu stess, fejn informa lil Membri tal-Kunsill li bħalissa, taħt l-iskema tal-Community Workers, m'hemmx ħaddiema disponibbli biex jiġu ingaġġati mal-Kunsilli Lokali. Huwa spjega wkoll li l-kuntratt tas-Sur Raymond Zahra ser jintemm fl-aħħar ta' Frar 2026.

Għaldaqstant, is-Sindku ppropona li jsir kuntratt ta' servizz mas-Sur Raymond Zahra sabiex ikompli jgħin lill-Kunsill fix-xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-lokalità, fis-sorveljanza tal-CCTV cameras, kif ukoll f'kull xogħol ieħor mitlub skont id-diskrezzjoni tal-Kunsill.

**Wara diskussjoni bejn il-Membri tal-Kunsill, u fuq punt imqajjem mill-Kunsillier Dominic Spencer, fejn huwa rrimarka li l-liġi tippermetti lis-Sindku jagħmel użu minn Direct Order sa massimu ta' €5,000, il-mozzjoni ġiet immarkata bħala kanċellata.**

**Wara proposta tas-Sindku, ssekondata mill-Kunsillier Gloria Aquilina, ġie maqbul li tinħareġ Direct Order sa massimu ta' €5,000 sabiex jinħareġ kuntratt ta' servizz bejn is-Sur Raymond Zahra u l-Kunsill Lokali, biex iwettaq xogħol ta' manutenzjoni u xogħlijiet oħra skont id-deskrizzjoni tal-Kunsill.**

**Il-Kunsill approva din il-proposta b'mod unanimu b'sitt (6) voti favur. Id-Direct Order għaddiet.**

32.13.2 Is-Sindku ppreżenta Mozzjoni Nru 05/2026, imressqa minnu stess, fejn ippropona x-xiri ta' ħames (5) CCTV cameras, li minnhom tlieta (3) jaħdmu b'sistema solari u tnejn (2) jaħdmu b'sistema tad-dawl. Dawn għandhom jitpoġġew fiż-żona tal-Gazebo u fi Triq San Pawl, bil-għan li jitnaqqas l-abbuż, tissaħħaħ is-sigurtà tar-residenti tal-madwar u tiżdied is-sorveljanza fl-inħawi.

L-ammont ta' nefqa propost huwa ta' €5,000, kif tippermetti l-liġi, permezz ta' tliet stimi u bl-għażla tal-irħas offerta. Dan l-ammont għandu jitnaqqas mill-baġit allokat u approvat mill-Kunsill għas-sena 2026 għax-xiri u l-kumplament tas-CCTV cameras.

**Wara proposta tas-Sindku, ssekondata mill-Kunsillier Dominic Spencer, il-Kunsill approva l-mozzjoni b'mod unanimu. sitt (6) voti favur.**
**Il-Mozzjoni għaddiet. Appendici B**

32.13.3 Il-Kunsillier Dominic Spencer ippropona li, bħalma kien għamel il-Kunsill fis- snin preċedenti, jinħoloq fuljett biex jitqassam fid-djar bħala informazzjoni dwar il-wirjiet li ser ikunu esebiti fil-lokalità tal-Marsa matul iż-żmien tal-Ġimgħa Mqaddsa. Huwa staqsa jekk il-Kunsill għandux interess li jerġa' jinħoloq tali fuljett sabiex jitqassam fid-djar għas-sena 2026.

**Wara proposta tal-Kunsillier Dominic Spencer, ssekondata mill-Kunsillier Gloria Aquilina, il-Kunsill approva b'mod unanimu b'sitt (6) voti favur li jerġa' jinħoloq fuljett b'informazzjoni dwar il-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Marsa u li dan jitqassam fid-djar.**

32.13.4 Il-Kunsillier **Dominic Spencer** infurma lil Membri tal-Kunsill li, wara li saret il-kompetizzjoni tas-**l-isbaħ kustum** fl-attività preċedenti, baqa' madwar €100 f'**vouchers**. Huwa spjega li waqt diskussjoni mas-**SE**, ħareġ l-idea li tinħoloq kompetizzjoni għall-**l-isbaħ bajda ta' l-Easter** jew **crafts b'materjal riċiklat**, fejn jingħata involviment lill-iskejjel tal-Marsa, u li ssir **wirja ġewwa l-Kunsill**.

Il-Kunsillier **Dominic Spencer** ippropona li r-rebbieħa ta' din il-kompetizzjoni jingħataw **vouchers** bħala premju.

**Wara proposta tal-Kunsillier Dominic Spencer, ssekondata mill-Kunsillier Gloria Aquilina, il-Kunsill approva b'mod unanimu b'sitt (6) voti favur li ssir wirja u kompetizzjoni ta' l-isbaħ bajda ta' l-Għid u crafts magħmula minn materjal riċiklat ġewwa l-binja tal-Kunsill.**

**Ir-rebbieħa ta' din il-kompetizzjoni jingħataw vouchers ta' kotba bħala premju.**

## 32.14 Korrispondenza

**32.14.1** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Uffiċċju rċieva email mingħand il-Marsa Pageant Group, fejn talbu sabiex il-Kunsill jieħu ħsieb l-armar tas-slaleb fi Triq Isouard, Triq Neric Sacco u Triq il-Jum.Barra minn hekk, il-grupp talab li għas-sena 2026 jinbidlu s-slaleb eżistenti ma' oħrajn ikbar u isbaħ, u ressqu talba għal kontribuzzjoni finanzjarja fl-ammont ta' €2,500. Il-Marsa Pageant Group esprima wkoll ix-xewqa li jiżdied l-armar ta' slaleb fi Triq Żerafa.

**Wara diskussjoni bejn il-Membri tal-Kunsill, ġie maqbul li l-Kunsill jżid it-threshold tal-kontribuzzjoni għat-tiżjin tas-slaleb fit-toroq tal-Marsa sa massimu ta' €2,000. Ir-riżultat tal-vot kien ħames (5) voti favur u wieħed (1) kontra.**

**Ġie deċiż ukoll li l-ammont kif maqbul fil-laqgħat preċedenti, jiġifieri €50 għal kull salib, jibqa' japplika.**

32.14.2 Is-Sindku informa li waslet email mingħand Dr Attard f'isem il-Kunsill Pastorali Parrokkjali Trinità Qaddisa, fejn qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jużaw is-Sala tal-Kunsill nhar it-28 ta' Ottubru 2026 fis-18:30 biex jorganizzaw laqgħa mar-residenti Marsin kif ukoll mat-Terzjarji Franġiskani, biex ifakkru t-800 sena mill-mewt ta' San Franġisk.

**Wara diskussjoni bejn il-Membri tal-Kunsill, ġie maqbul li l-Kunsill Pastorali Parrokkjali Trinità Qaddisa juża s-Sala tal-Kunsill għall-laqgħa li qed jorganizza biex ifakkar it-800 sena mill-mewt ta' San Franġisk, bla ħlas.**

32.14.3 Is-Sindku nforma li waslet email mingħand is-Sinjura Borg, fejn qed titlob kumpens għal inċident li kellha bil-karozza tagħha fi Triq is-Salib tal-Marsa minħabba ħofra li kien hemm fit-triq.

Hija sostniet li sofriet danni fuq it-tyre tal-vettura tagħha li jammontaw għal €275. Is-Sinjura Borg infurmat ukoll li għamlet rapport mal-Pulizija u bagħtet kopja tar-ritratti flimkien ma' kopja tal-irċevuta għad-danni li ħallset biex issewwi t-tyre.

**Wara diskussjoni bejn il-Membri tal-Kunsill, ġie maqbul li jingħata l-kumpens mitlub ta' €275 lis-Sinjura Borg għad-danni li sofriet fit-tyre tal-vettura tagħha.**

32.14.4 Is-Sindku qed jipproponi sabiex Triq Marsa fejn tidjieq it-Triq kif indikat fir-ritratt Appendici B isir parking tal-muturi bil-poles bi prova, dan biex jitnaqqas il-parkeġġ ta' karozzi minhabba li qed ikun hemm konfużjoni tat-traffiku. **Appendici Ċ**

**Wara diskussjoni bejn il-Membri tal-Kunsill, ġie maqbul li jsir sketch mill-Perit u li l-proposta tiġi approvata minn Transport Malta biex, minflok il-parkeġġ tal-karozzi fi Triq il-Marsa, jiġu pprovduti parkeġġi għall-muturi.**

**Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li din il-proposta ssir bi prova**.

**32.14.5** Is-Sindku infurma lill-Membri tal-Kunsill li persuna fin-negozju offriet aċċess għal **CCTV cameras** li għandu mal-binja tiegħu sabiex il-Kunsill ikollu aċċess minnhom. Din il-persuna talab li tagħmel **riklam** fuq il-**U-shape bollards** li jinsabu quddiem l-istabiliment tagħha.

Is-Sindku ippropona li, peress li l-persuna offriet l-aċċess tas-CCTV lill-Kunsill **bla ħlas**, il-Kunsill għandu **jiwevja** l-**bye-law** dwar ir-reklamar u ma jirrikjedix ħlas għal dan ir-riklam fuq il-U-shape bollards tal-Kunsill.

**Wara diskussjoni fuq din il-proposta, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-persuna toħroġ invoice għas-servizz ta' aċċess tas-CCTV cameras, u li dan l-ammont jitħallas bħala set-off mal-bye-law dwar ir-reklamar**

**32.15 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**Ma kienx hemm**

**32.16 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:06 pm u ġiet aġġornata għall Ħamis 12 ta' Marzu 2026 fil-17:30 pm fil- bini amministrattiv tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Luke Farrugia<br>Sindku | Roderick Ebejer<br>Segretarju Eżekuttiv |

**<u>Appendiċi A</u>**



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

Is-sena 2025 kienet l-ewwel sena sħiħa ta' din il-leġislatura. Inħossni onorat u grat lejn il-poplu Marsi li afdani bil-kariga ta' Sindku għal-lokalita' tant għażiża għalina l-Marsin. Ma kinitx sena faċli, għaliex bħalma jgħidu, l-bidu dejjem iebes, iżda grazzi għal kumbinazzjoni ta' ideat ġodda u l-esperjenza tal-kollegi kunsilliera qed inħarsu 'l quddiem sabiex il-Marsa tingħata d-dinjita' li veru jixirilqilha.

Matul din il-laqgħa se nkun qed nippreżenta l-ħidma li saret matul is-sena li għaddiet u se nkun qed nippreżenta l-pjanijiet għal din is-sena li għandna quddiemna.

**L-Ambjent**

Bdejna billi ffukajna l-ħidma tagħna fuq l-indafa, fejn dħalna għal ftehim mad-Direttorat tat-Tindif, sabiex ix-xogħol tal-knis jibda jsir minn dan id-direttorat. Illum fil-Marsa qed jingħata s-servizz bi tmin kenniesa. Wara diversi konsultazzjonijiet, ittieħdet id-deċiżjoni li jitneħħew l-open skips, li sfortunatament kienu qed iservu għal bosta abbużi ta' rimi ta' skart illegali. Żidna d-dog bins madwar il-lokalita' u nheġġeġ lis-sidien tal-klieb jagħmlu użu minnhom, sabiex flimkien inżommu l-lokalita' nadifa. Installajna cameras tas-sigurta, sabiex jitnaqqas l-abbuż ta' rimi ta' skart fit-toroq tagħna u qed naħdmu mill-qrib ma' ERA, LESA u l-Pulizija sabiex isiru spot-checks u min jinqabad jarmi l-iskart b'mod illegali jiġi mħarrek.

Inizzjattiva li daħħalna din is-sena kienet it-tqassim ta' bins lis-sidien tal-istallel, bil-għan li jitnaqqas ir-rimi ta' skart relatat maż-żwiemel, fit-toroq ta' madwar il-korsa.

Bħalma jsir kull sena, l-Kunsill ipparteċipa fl-inizzjattiva Clean Up Campaign, fejn bħala team, flimkien mal-għaqdiet lokalita' naddafna bosta zoni fil-lokalita'. Inheġġeġ aktar residenti jingħaqdu magħna meta jiġu organizzati attivitajiet ta' din ix-xorta, għaliex b'hekk inkomplu nkabbru s-sens ċiviku mhux biss fina nfusna iżda anke fin-nies ta' madwarna.

**Sigurta'**

Is-Sigurta tar-residenti tagħna – kulħadd jaf li l-popolazzjoni tal-Marsa hija waħda anzjana u kien għalhekk li ħassejna l-ħtieġa li s-sigurta' wkoll tingħata prijorità fil-ħidma tagħna. Fil-fatt, bdejna naħdmu fuq programm ta' nstallazzjoni ta' CCTV Cameras fit-toroq tagħna, programm li jeħtieġ ħafna ħidma, għaliex mhux kemm tgħid tinstalla camera, iżda trid tara li jiġu nstallati b'tali mod li tiġi ssalvagwardjata il-privatezza tar-residenti, filwaqt li rridu naraw min se jkun qed jissorvelja dawn il-cameras.

Żidna d-dwal fit-toroq tagħna, permezz ta' bozoz li li jarmu dawl qawwi u ta' kulur abjad. Ġie installat dawl ġdid f'żoni li kienu meqjusa bħala black spots, bil-għan li jitnaqqsu l-abbużi u r-residenti tagħna jħossuhom siguri. Eżempju hu l-area tal-Gazebo, fejn installajna fled lights bojod li juri u jatu dawl din iz zona.

Wara ħafna laqgħat mal-pulizija, żidna aktar patrols fit-toroq, billi issa, l-pulizija jistgħu japplikaw għal- overtime biex ikunu jistgħu jaħdmu aktar ta' spiss.

Bis-saħħa ta' dan, inqatgħu ħafna abbużi, li ma nixtieqx nitħol fil-mertu hawn hekk, però kulħadd jaf għal xix qed nirreferi.

**<u>Servizz ta' transport b'xejn</u>**

Matul din is-sena komplejna noffru s-servizz ta' transport b'xejn lill-anzjani tagħna. Bi pjaċir ngħid li matul din is-sena s-servizz ġie estiż sat-3.00 ta' wara nofsinhar. B'hekk l-anzjani tagħna qed jingħataw servizz aktar flessibbli lejn u minn postijiet meħtieġa.

Insemmi wkoll li matul l-istaġun tas-Sajf, offrejna s-servizz ta' transport għaċ-ċittadini żgħar tagħna li attendew SkolaSajf.

**<u>Xogħlijiet Infrastrutturali</u>**

Matul is-sena li għaddiet, flimkien ma' Infrastructure Malta, nbeda xogħol ta' resurfacing ta' numru ta' toroq tal-lokalita'. Dan ix-xogħol kien jinvolvi tibdil ta' servizzi, bankini ġodda u tarmac ġdid. Matul din is-sena tlestew Triq San Franġisk, Triq San Mikiel u Triq Neriko Sacco. Lejn l-aħħar tas-sena, bħala parti mir-riġenerazzjoni tal-pjazza, nbeda wkoll il-proġett infrastrutturali fi Triq is-Salib.

Ħidma oħra li saret matul is-sena mill-Kunsill, kien jinvolvi manutenzjoni madwar il-lokalita', bħal manutenzjoni ta' ċnut, bankijiet, tibdil ta' tabelli tat-traffiku u żebgħa ta' marki tat-toroq.

Għal din is-sena huwa ppjanat li jsir ix-xogħol fuq diversi toroq oħra.

**<u>Kultura, Edukazzjoni u Ħidma mal-Għaqdiet</u>**

Matul is-sena 2025 organizzajna bosta attivitajiet edukattivi, soċjali u kulturali fil-lokalita'. Ftaħna s-sena bl-għoti ta' Ġieħ il-Marsa fejn onorajna bosta persuni li jaħdmu qatigħ fis-soċjeta' Maltija. Komplejna bl-attività annwali tal-Karnival bis-sehem tal-baned Marsin. FL-okkażjoni tal-Festi marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa ħadna ħsieb li nippubblikaw fuljett informattiv dwar il-wirjiet li jittellgħu fil-lokalita' tagħna u tajna l-għajnuna kollha meħtieġa sabiex għal sena oħra nżammet il-Pagaent tal-Ġimgħa l-Kbira fit-toroq tagħna.

Organizzajna bosta taħdidiet ta' nteress ġenerali, fosthom Chemo Bags for Hope flimkien mal-Fondazzjoni Smiling for Jerome. Organizzajna wkoll testijiet ta' saħħa b'xejn flimkien mal-

Cancer Research and Innovation Hub u offrejna s-servizz ta' tilqim tal-Influenza ġewwa l-binja tal-Kunsill, bil-għan li r-residenti tagħna ma jkollhomx l-iskariġġ li joħorġu barra mil-lokalita'.

Organizzajna wkoll lezzjonijiet tal-Arti għall-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u offrejna wkoll kors relatat mal-bini ta' presepji.

Għal festi tal-Milied, flimkien mal-Parroċċa Trinita organizzajna l-Festival Internazzjonali tal-Korijiet. L-attivita' għall-familja kollha Taste & Fun fi Ġnien Spencer u lezzjonijiet ta' Crafts relatati mal-Milied, għar-residenti kollha tagħna, filwaqt li organizzajna l-parata tal-Milied fit-toroq. Ma naqsitx il-wirja spettakolari ta' presepji ġewwa l-binja tal-Kunsill, wirja li kull min ġie jaraha seta' jara l-kapaċita u d-dedikazzjoni tar-residenti tagħna f'din l-arti tal-presepji.

Konna parteċipattivi wkoll fl-inizzjattiva Light Up the Night b'turija ta' sapport għall-persuni li jbatu bil-Fibromyalgia, Rigal b'Imħabba fejn tajna rigali lil tfal li għaddejjin minn diffikultajiet soċjali u konna parteċipattivi wkoll fil-Maratona tal-President, b'risq il-Malta Community Chest Fund.

**Amministrazzjoni u s-servizz liċ-ċittadin**

Matul din is-sena l-amministrazzjoni tal-Kunsill kienet qed topera b'4 impjegati klerikali u Customer Care Support Officer. F'nofs is-sena mpjegajna Segretarju Eżekuttiv full time li beda jaħdem sabiex jara li l-Kunsill qed jimxi b'aktar mod effiċjenti u skont ma titlob l-liġi. Is-servizz fil-Customer Care baqa' jingħata b'mod professjonali mit-Tnejn sas-Sibt.

Żiedna s-servizz tal-permessi online, sabiex ikun possibbli għar-residenti tagħna japplikaw għall-permessi mingħajr l-iskariġġ li jiġu b'mod personali fil-binja tal-Kunsill, waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju biss.

**Servizzi oħra mill-Kunsill**

Matul is-sena komplejna nirsistu li s-servizzi mogħtija mill-Kunsill ikunu ta' valur għal flus li qed inħallsu. Filwaqt li l-ġbir ta' skart huwa mmaniġġjat mir-Reġjun Nofsinhar bqajna nirsistu li s-servizz jingħata b'mod tajjeb.

Is-Servizz tal-ġbir ta' skart goff qed jingħata wkoll nhar ta' Sibt,bil-għan li ċ-ċittadini Marsin li jaħdmu fost il-ġimgħa jkunu jistgħu jużaw dan is-servizz bl-inqas inkonvenjent possibbli.

Qed jingħata servizz ta' tiswija b'xejn ta' tagħmir elettroniku, bħal laptops, tables u cameras. Dan is-servizz jingħata lil kull resident Marsi. Kull min hu nteressat għandu jiġi fl-uffiċċju tal-Kunsill jiġbor voucher.

Offrejna korsijiet tal-għawm, bi prezzijiet issussidjati fil-Kumpless Sportiv tal-Cottonera.

Is-sena 2026, sena oħra ta' sfida

Il-Kunsill se jkun qed ikompli jiffoka l-ħidma tiegħu fuq is-sigurta tar-residenti billi jinstalla aktar cameras tas-sigurta fit-toroq tagħna.

Pjannat — Dog park - ġnien li ta' [illegible] / Gym - Beiwaler

Qed nippjanaw li isir Dog Park u Open Gym. Se nirsistu li isiru aktar xogħlijiet ta' resurfacing ta' toroq minn Infrastruttura Malta, filwaqt li se naraw li ingawdu minn fondi li jinħarġu minn żmien għal żmien mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

Se nintenfisikaw il-ħidma tagħna fis-servizz relata maż-żamma tal-ġonna. Irridu li l-Marsin ikollhom spazji miftuħa adegwati fejn ikunu jistgħu jirrikreaw ruħhom mingħajr il-ħtieġa li joħorġu mil-lokalita'.

Qed naħdmu wkoll sabiex naraw kif jistgħu jinħolqu parkeġġi adegwati ġewwa l-lokalita'.

Se naħdmu sabiex l-istaff amministrattiv jibqa' jingħata training sabiex ikomplu jtejbu l-ħiliet tagħhom b'risq is-servizz lejn iċ-ċittadin.

Se nkomplu naħdmu flimkien sabiex jibqgħu jiġu organizzati attivitajiet ta' kwalita' ġewwa l-lokalita'.

**Kuntatt maċ-Ċittadin**

Nagħlaq billi nirringrazzja lill-Viċi Sindku, lill-kunsilliera sħabi, lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff amministrattiv tax-xogħol u d-dedikazzjoni tagħhom. Inħeġġeġ lir-residenti jfittxuna sabiex nassistu bl-aħjar mod possibbli, bil-għan li l-komunita' marsija tgħix f'ambjent san u sigur.

Kommess li nkompli nżomm kuntatt magħkom ir-residenti.

Inħares 'il quddiem għal aktar ħidma u xogħol!

**Appendiċi B**

**Data: 18/02/2026**

**Mozzjoni 05/2026 imressqa mis-Sindku Luke Farrugia.**

Nipproponi li l-Kunsill japprova li jiġu installati CCTV cameras f'dawn iż-żoni: tliet (3) cameras li jaħdmu bis-solar fl-area tal-Gazebo u żewġ cameras (2) li jaħdmu bid-dawl fi Triq San Pawl, bil-għan li tissaħħaħ is-sigurtà u s-sorveljanza f'dawn l-inħawi, sa massimu ta' €5,000 liema ammont hu parti mill-bagit allokat fl-estimi finanzjarji approvat mil-Kunsill għas-sena 2026.

Luke Farrugia

Sindku

Ssekondat: Dominic Spencer

Favur: 6 Kontra: Astjenew:

---

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Segretarju Eżekuttiv: Roderick Ebejer

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**Appendici Ċ**

